Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,274, 4 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 232 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb, ippubblikati bħala Avviż Legali 286 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji, li għandu jinkludi membri mill-Universitajiet Imsieħba, maħtura mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation – M.Sc.;

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li qegħdin jikkollaboraw biex il-programm jiġi offrut, jiġifieri:

University of Turku, Finland
University of Potsdam, Germany
L-Università ta' Malta, Malta;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Strategic Innovation and Future Creation – P.G.Dip.;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew kwalifika ekwivalenti miksuba minn xi università rikonoxxuta oħra, flimkien ma' mill-inqas sena ta' esperjenza ta' xogħol."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 60 krettu huma assenjati għall-taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu għall-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu is-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mhux anqas minn 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.2

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-metodu ta' valutazzjoni għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma. Il-valutazzjonijiet li jinvolvu eżamijiet bil-miktub u/jew preżentazzjonijiet għandhom isiru waqt il-perijodu ta' attendenza f'waħda mill-Istutizzjonijiet Imsieħba fi żmien speċifikat mill-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

8. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka bażika għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tat-tieni semestru."